MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-17 ta' Frar, 2005

Numru. 701/2001

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH CORDINA
VS
MARTIN CACHIA
CHRISTOPHER JAMES HUGHES
JAQCUELINE HUGHES

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Martin Cachia, ta' 42 sena, bin Michael u Josephine nee' Aquilina, imwieled Pieta' fid-29 ta Marzu 1959, residenti fl-indirizz "Martina", 238, Triq Mhallef W. Harding, Pembroke, detentur tal-karta tal-identita' numru 235859(M), kif ukoll Christopher James Hughes ta' 32 sena, bin James u Anna Maria nee' Caruana, imwieled Pieta' fil-21 ta' Jannar 1969, residenti fl-indirizz 10, ix-Xatt ta' Spinola, San Giljan, detentur tal-karta tal-identita' numru 118269(M), u kif ukoll Jacqueline Hughes, ta' 33 sena, mart Christopher James, bint Carmel Carabott u Elizabeth nee' Calleja, imwielda H'Attard fl-14 ta' Gunju

1968, residenti fl-indirizz 10, ix-Xatt ta' Spinola, San Giljan, detentur tal-karta tal-identita' numru 278368(M). Akkuzati talli fl-14 ta' Dicembru 2000 u fix-xhur precedenti, fil-Belt Valletta u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, iffalsifikaw jew biddlu, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija, jew manifattura; jew xjentement ghamlu uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tgharraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghu tali merkanzija; jew xjentement qeghdu fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zammew ghandhom ghall-bejgh jew impurtaw ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija, b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe' numru ta' CD's folox. Dan bi ksur tal-Artikolu 298(1)(a)(b)(c)(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampaw, immanifatturaw, idduplikaw, jew mod iehor irriproducew jew ikkuppjaw, jew bieghu, qassmu, jew mod iehor offrew ghal bejgh jew biex jitqassam, jew mod iehor offrew ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi kusr tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-ligi ta' Malta. Dan bi ksur tal-Artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampaw, immanifatturaw, idduplikaw, jew mod iehor irriproducew jew ikkuppjaw, jew bieghu, qassmu, jew mod iehor offrew ghal bejgh jew biex jitqassam minn post jew minn gewwa post li huwa kopert b'licenzja, jew bhala parti minn attivita' koperta b'tali licenzja, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mill-jeddijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil/jew taht il-ligi ta' Malta. Dan bi ksur tal-Avviz Legali 120 tal-1992.

Kif ukoll sartu recedivi ghat-termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gew ikkundannati b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati.

Lil Christopher James Hughes wahdu:

Fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, akkuzat talli fl-istess cirkostanzi bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq Valur Mizjud (Att Nru XXIII ta' 1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, naqas li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 ta' l-Erbatax il-Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilek imhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-Artikoli 51, 77(a) u (e) ta' l-Att Nru XXIII ta' l-1998.

U aktar talli fl-istess cirkostanzi, naqas li jaghti u jipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-Artikoli 51, 77(a) u (e) ta' l-Att Nru XXIII ta' l-1998.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputati sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi fid-data, lok u hin citat fl-akkuza, Grace Borg ghamlet rapport l-ghassa tal-pulizija illi hija kienet marret fuq il-monti il-Belt u xtrat xi ghaxar Compact Disks (CDs) minghand l-imputat Christopher James Hughes liema CD's hija gharfet li kienu "counterfeit",

Illi minn hemm hija hadet dawn ic-CD's kollha lill-Pulizija li imbaghad bdew jinvestigaw il-kaz.

Jirrizulta illi Grace Borg fir-rapport taghha infurmat lill-pulizija illi flimkien mal-imputat Christopher James Hughes, kien hemm l-imputati Jacqueline Hughes u Martin Cachia.

Illi it-tlett imputati gew investigati mill-pulizija u irrilaxxaw stqarrija dok JC1 sa JC3.

Illi l-imputat Martin Cachia ghazel illi ma jirrispondiex ghal bosta mid-domandi u Jacqueline Hughes waqt li wkoll ghazlet li ma tirrispondiex ghal diversi domandi, ammettiet a fol 30 illi hija kienet presenti fuq il-monti ma zewgha. Jeffrey Hughes a fol 32 stqarr illi huwa jahdem bhala “hawker” “full time” u kellu Mercedes Van u Ford Transit Van, it-tnejn ta’ kulur abjad u imbaghad ghazel li ma jirrispondiex ghal diversi domandi.

Mix-xhieda tal-ufficjal prosekutur a fol 33 jirrizulta illi wara ir-rapport ta’ Grace Borg li tmexxi l-Exotique, huwa kien baghat lin-nies tieghu sabiex jigbru is-CDs kollha li kienu fuq l-istalls tal-imputati.

Spettur Cordina xehed illi l-imputat Martin Cachia qallu illi huwa importatur ta’ CDs vojta, li jbiegh dawn is-CDs vojta fuq il-Monti u li kien jimporta kollox skond ir-regolamenti u li dan ix-xoghol kien ghadda sahansitra mid-Dwana u li kellu ricevuti kollha ta’ dan l-importazzjoni. (ara dok JC5-7).

Spettur Cordina xehed a fol 49 u 50 illi l-pulizija kienu issekwestraw mal-hames mitt CD mill-istall u li wara li saret l-analizi fuqhom dawn is-CDs gew ritornati lura lill-imputati stante li ma instab xejn irregolari  (ara wkoll ix-xhieda ta’ Martin Bajada a fol 53 sa 56)

Din il-Qorti kienet innominat lil Martin Bajada sabiex jezamina is-CDs maqbuda u jinforma lill-Qorti jekk dawn kienux counterfeit.

Illi kif jirrizulta mir-relazzjoni li tinsab a fol 11 sa 72 tal-process verbal anness ma dawn l-atti, is-CDs elenkati f'din ir-relazzjoni gew misjuba illi kienu "counterfeit".

Dr Patrick Galea a fol 57 kkonferma il-kwereli mahrugin minnu ghan-nom tal-kwerelanti.

A fol 66 et seq Grace Borg infurmat lill-Qorti illi hija direttrici tal-kumpanija Visual And Sound li jimportaw u jbieghu affarijiet ta' muzika, videos u CDs u li ghandhom il-licence deals biex jirrappresentaw varji ditti internazzjonali bhal BMG, Sony, Warner u ohrajn .

Fl-14 ta' Dicembru 2000 Grace Borg xehdet illi hija kienet ghamlet rapport lill-Pulizija il-ghaliex fuq il-monti vicin tal-Premier, hija flimkien ma' Alan Ciangura, kienet marret fuq l-ewwel stall tal-monti u hemmhekk rat CDs counterfeit u fil-fatt ghazlet u xtrat "the latest releases". Dawn l-ghaxar CDs gew mixtrija ghal prezz ta' bejn Lm30 u Lm35.

Grace Borg kompliet tixhed testwalment hekk:

"Ovvjament qam chaos, ghaliex dana, ovvjament kien jaf min jien u inqala hafna paroli u ghajjat u jiena ovvjament bqajt serja b'li kont qed naghmel qbadt is-CDs u qbajt sejra l-Ghassa tal-Belt u ghamilt rapport fuqhom, imbaghad stennejt lill-avukat biex jaghmilli rapport ufficjalment." (ara xhieda a fol 67 u 68).

Mistoqsija min effettivament bieghhomlha, Grace Borg indikat lill-imputat Christopher James Hughes.

Mistoqsi wkoll kienx hemm haddiehor fuq l-istess "stall" xehdet precizament hekk:

"dak il-hin partikolari meta fizikament tani ic-CDs ma nafx. Biss "at one time" it-tnejn l-ohra wkoll dehru fuq l-istess stand".

Grace Borg xehdet aktar tard illi hija kienet taf illi t-tlett imputati kienu jkunu wara l-istall fejn jservu lin-nies u

mhux fejn jkun il-pubbliku, cioe quddiem l-istall, izda li waqt li kienet qedgha tixtri is-CDs hija ma rat l-ebda wiehed mill-imputati ohrajn jaqdi xi nies.

Xehdet wkoll illi dana kollu gara fil-presenza ta’ Alan Ciangura li baqa’ jakkumpanjaha sa ghand il-pulizija.

Grace Borg xehdet wkoll illi hija ma inghatatx ricevuta meta hallset it-Lm30 ghalkemm talbet ghal wahda u qalet illi l-imputat Christopher James Hughes kien qalilha li l-cash register kien bil-hsara .

Spettur Camilleri a fol 74, ikkonferma illi huwa kien irceva ir-rapport minghand Grace Borg  u Alan Ciangura fil-14 ta’ Dicembru 2000 dwar CDs counterfeit mixtrija minghand l-imputat Christopher Hughes.

Xehed illi l-pulizija kienu marru fuq l-istess stall u elevaw erbgha mija u disgha u ghoxrin (429) Compact Disks, tmienja u ghoxrin (28) pakketti ta’ Compact Disks u giet miftuha inkjesta mill-Magistrat tal-Ghassa li hatret diversi esperti.

Xehed illi giet interrogata wkoll Jacqueline Hughes, mart l-imputat Christopher Hughes.

Mistoqsi dwar il-presenza ta’ Jacqueline Hughes u Martin Cachia fl-istall dak il-mument, Spettur Camilleri xehed illi l-imputata Jacqueline kienet presenti fuq l-istall pero mhux l-imputat Martin Cachia.

Spettur Paul Camilleri  a fol 80 u 81 xehed illi is-CDs mixtrija minghand l-imputat Christopher Hughes gew ikkonsenjati fil-kwartieri Generali tal-Pulizija lil Court Expert innifsu u li Grace Borg baqghet fil-Kwartieri Generali tal-pulizija sakemm dan sehh (ara xhieda a fol 81).

Dr Patrick Galea a fol 84 ikkonferma dok JC8 u 9, il-kwereli esebiti  a fol 21 u 22.

Spettur Martin Sammut a fol 96 esebixxa sentenza dok MS.

Spettur Neil Harrison a fol 101 esebixxa sentenza dok NH1 fil-konfront ta' Christopher James Hughes u dok NH2 fil-konfront ta' Jacqueline Carabott.

Spettur Cordina a fol 110 esebixxa sentenza dok JC10.

PS Montesin a fol 118 esebixxa il-permessi tal-imputati bhala hawkers. (ara dok PS1 sa 3).

Grace Borg a fol 127 esebit formalment il-kuntratt ta' BMG u ta' Sony.

Martin Bajada esebixxa dok MB1 u ikkonfermah bil-gurament.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-fatti fuq indikati jirrizulta pjenament ipprovat illi is-CDs mixtrija min Grace Borg minghand l-imputat Christopher James Hughes kienu counterfeit.

Illi dawn is-CDs gew esebiti u sar l-analizi fuqhom u gew konfermati bhala counterfeit mill-espert Martin Bajada.

Illi ix-xhieda ta' Grace Borg giet misjuba minn din il-Qorti bhala wahda mill-aktar kredibbli, hija xhieda illi inghatat bla tlaqliq, hija xhieda vivida kemm f'sens ta' dettal kif wkoll ghal dik li hi precizzjoni.

F'din ix-xhieda Grace Borg taghti sekwenza preciza ta' kik svolgew il-fatti. Di piu l-ufficjal prosekutur f'dan il-kaz taw ir-rakkont tal-tenacita tal-istess Grace Borg, li riedet tassikura illi l-pulizija jiehdu ir-rapport taghha bis-serjeta.

Din il-Qorti meta rat it-trattazzjoni tad-difiza ma tistax taqbel xejn ma dak sollevat meta si tratta tal-kaz kontra l-imputat Jeffrey Hughes u martu Jacqueline li fl-istqarrija taghha stess tammetta illi kienet presenti fl-istall ma

zewgha, liema prezenza giet ukoll konfermata minn Spettur Paul Camilleri.

Din il-Qorti pero wara li ezaminat ix-xhieda ma tistax tasal ghal konkluzzjoni illi hemm n-ness li trid il-Ligi bejn dak li gara fil-14 ta' Dicembru 2000, u l-imputat Martin Cachia.

Id-difiza imbaghad issollevat punt tekniku dwar il-kwerela min minn ghandha ssir u il-materja jekk fil-fatt l-kwerelanti kenitx awtorizzata tmexxi il-kwerela fiz-zmien li ghamlitha.

Ikkunsidrat:-

Din il-Qorti rat il-kwereli u rat id-dokumenti u l-kuntratti esebiti u jidher car illi Grace Borg u zewgha Joseph Borg, zewg diretturi tal-Kumpanija Visual and Sound Communications kienu awtorizzati biex jagixxu bil-kwereli ippresentati.

Jibqa l-ahhar akkuzi ta' Christopher Hughes dwar il-VAT receipts. Bir-rispett din il-Qorti ghalkemm hi konxja tal-fatt li mix-xhieda ta' Grace Borg jirrizulta illi Jeffrey Hughes ma ta ebda ricevuta fiskali din il-Qorti minkejja ix-xhieda ta' Paul Scicluna a fol 92 u id-dokumenti esebiti a fol 89 u 90 sabet li ma gie ippresentat ebda ammont ta' VAT li suppost gie imhallas u f'mankanza ta' din il-prova din il-Qorti ma tistax ssib htija.

Din il-Qorti rat wkoll is-sentenzi dok NH1 u 2 fil-konfront tal-imputati Hughes ghal dik li hija prova tar-ricediva.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputati Christopher James u Jacqueline Hughes hatja tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba akkuza u lil Christopher James Hughes wahdu mhux hati tal-hames u is-sitt akkuza u li minnhom tilliberah u ssib lill-imputat Martin Cachia mhux hati ta' ebda akkuza u tilliberah u wara li rat Art 298 (1)(a)(b)(c) u (f), 298B tal-Kap 9, Avviz Legali 120/1992, Art 49 u 50 tal-Kap 9 u tikkundanna lill-imputati Christopher u Jacqueline Hughes ghal multa ta' Lm300 kull wiehed.

Inoltre tordna il-konfiska u d-distruzzjoni tas-CDs esebiti u imsemmija fir-relazzjoni tal-Espert Bajada a fol 11 tal-process verbal anness mal-atti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------